

31998D0118

7.2.1998

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 33/21

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tas-16 ta' Diċembru ta' l-1997**

**li tikkonċerna l-konklużjoni tal-Protokoll ta' Adeżjoni tal-Prinċipalità ta' Monaco għall-Konvenzjoni dwar
il-Protezzjoni ta' l-Alpi**

(98/118/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 130s(1) tiegħu, ma' l-Artikolu 228(2) u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 228(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra il-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Billi l-Komunità Ewropea hija Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni ta' l-Alpi (Il-Konvenzjoni tal-Muntanji) ⁽³⁾;

Billi l-protezzjoni ta' l-Alpi hija ta' importanza kbira għall-Istati Membri minħabba n-natura tagħha li taqşam il-fruntieri tal-problemi ambjentali, ekonomiċi u soċjali tal-qasam tal-Muntanji;

Billi l-Komunità ħadet sehem fin-negozjati li jikkonċernaw il-Protokoll ta' Adeżjoni tal-Prinċipalità ta' Monaco għall-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni ta' l-Alpi u ffirmatha fl-20 ta' Diċembru ta' l-1994;

Billi l-kunsens li tintrabat mal-Konvenzjoni tal-Muntanji tipressupponi kunsens li tintrabat mal-Protokol, li jestendi mal-qasam ġeografiku għal liema l-Konvenzjoni tapplika;

Billi l-estensjoni tal-Konvenzjoni tal-Muntanji għall-Prinċipalità ta' Monaco tagħmel il-protezzjoni ta' l-Alpi iktar effettiva matul il-qasam sħiħ tal-Muntanji possibbli;

Billi l-Komunità għandha għalhekk tapprova l-Protokoll,

ADDOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Protokoll ta' Adeżjoni tal-Prinċipalità tal-Monaco għall-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni ta' l-Alpi hija hawnhekk approvata fisem il-Komunità Ewropea.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat li jaħtar il-persuna(i) li jkollha(hom) s-setgħa li (j)tiddepożita(w), fisem il-Komunità, l-istrument ta' approvazzjoni mar-Repubblika ta' l-Awstrija bi qbil ma' l-Artikolu 11(2) tal-Konvenzjoni.

Magħmul fi Brussel, 16 ta' Diċembru ta' l-1997.

Fisem il-Kunsill

Il-President

J. LAHURE

⁽¹⁾ ĠU C 347, tat-18.11.1997, p. 7.

⁽²⁾ ĠU C 339, ta' l-10.11.1997.

⁽³⁾ ĠU L 61, tat-12.3.1996, p. 31.